KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 26 – IT-TLIETA 9 TA' ĠUNJU 2026**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 26.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

26.1.1 Ma kienx hemm.

## 26.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

26.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (26) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Bartolo issekondat.

26.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 26.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

26.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li l-Kunsill reġa kiteb formalment lill-WSC dwar il-proġett li tħalla nofs xogħol għal aktar minn sena fi Triq San Mikiel. Kompla billi qal li waslet Festa oħra tas-Salvatur u issa rridu naraw li ma jiġux jiftħu trinek ġodda b'mod li jtellef l-attività tal-festa.

Is-Segretarju Eżekuttiv se jkompli jsegwi dan il-proġett mall-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

26.3.2 Is-Sindku Dott Sciberras informa li ntalbet laqgħa mall-Perit tal-Korporazzjoni Enemalta dwar ix-xogħlijiet li saru riċentement fid-diversi toroq residenzjali biex isir rinfurzar fil-provvista tal-elettriku li jinkludu Triq Ċensu Bugeja, Triq Giovanni Curmi, Triq Dr Lewis F Mizzi, Triq in-Naxxar u Triq Ġeronimo Abos. Peress li uħud mit-toroq kienu saru riċentement u kienu għadhom f'kundizzjoni kważi perfetta, il-Kunsill enfasizza li per prinċipju, *reinstatement* għandu jsir *in full width*. Għal din il-laqgħa, kien ukoll preżenti l-Perit assenjat mall-Kunsill fejn min-naħa tiegħu kien sodisfatt bil-method statement ta' kif kien ser isir *reinstatement* fit-toroq indikati hawn fuq.

Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill se jkompli bil-monitoraġġ sakemm nassiguraw li jerġa jsir l-immaniġġjar tat-traffiku li jinkludi road markings, l-istallazzjoni ta' *speed hump* u sinjali tat-traffiku.

26.3.3 Is-Sindku Dott Sciberras irrelata dwar l-aħħar żviluppi dwar ix-xogħlijiet li kellhom isiru fi Triq Anton Buttigieg minħabba *retaining wall* li jinsab fi stat perikoluż li jikkollassa u ssir ħsara fuq l-infrastruttura ta' substation tal-Korporazzjoni Enemalta. Kompla billi qal li s-Sindku kien avviċinat mis-Sur Noel Vella (Enemalta Corporation) li l-ħsara u l-periklu li hemm huma kkawżati minn siġra enormi tal-ficus u m'hemmx triq oħra ħlief li tinqala u tiġi rilokata f'post ieħor. Informa li s-Sur Vella qiegħed f'kuntatt mall-Public Works u qed jippruvaw jikkordinaw ix-xogħlijiet peress li l-Enemalta Corporation għandha ppjanat xi xogħlijiet f'din iż-żona. Il-Korporazzjoni Enemalta qed tinforma li skont it-tekniċi, ma jarawx triq oħra ħlief li tinqala din is-siġra invażiva biex ikunu jistgħu isiru x-xogħlijiet.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil fil-Kunsill li tiġi revokata d-deċiżjoni li ttieħdet f'seduti preċedenti dwar iż-żamma tal-imsemmija siġra biex il-Public Works ikunu jistgħu jipproċedu bix-xogħlijiet. Il-Kunsill iddiskuta l-possibiltà li jekk huwa loġistikament possibbli u vijabbli, l-imsemmija siġra tinqala wara li jinġiebu l-permessi neċessarji mill-awtorità ERA u tiġi rilokata jew fiż-żona ta' fejn hemm il-*premises* ta' Iklin Scout Group jew fil-ġnien propost li jibda x-xogħol fuqu fil-bidu tas-sena d-dieħla. Sintendi wieħed irid jitkellem ma' Iklin Scout Group u ma' Project Green rispettivament. Tiġi ppreparata ittra lir-residenti tal-madwar bid-deċiżjoni fejn il-Kunsill jispjega bil-fatti kollha r-raġuni għala kellu jasal għal tali deċiżjoni.

Aktar żviluppi jingħataw fis-seduta li jmiss tal-Kunsill.

## 26.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

26.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn il-11 ta' Mejju u s-6 ta' Ġunju 2026 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (11 May - 6 June 2026 )**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 107 | 11/05/2026 | Triq Ġeronimo Abos tinsab bla dawl | settled | Triq Ġ Abos | **ENEMALTA** |
| 108 | 11/05/2026 | Hemm arbuxella fuq il-bankina fi Triq Ġ Abos iffullat ħafna | settled | Triq Ġ Abos | **COUNCIL** |
| 109 | 11/05/2026 | Hemm wire imdendel quddiem no 11, Triq K Vassallo | pending | Triq K Vassallo | **GO** |
| 110 | 11/05/2026 | Talba għal zebra crossing fi Triq il-Wied, kif taqbeż Triq F Borg | pending | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 111 | 12/05/2026 | Talba biex jinqata' l-ħaxix fi Triq R L-Aħmar kollha fejn arblu ta' Net | settled | Triq ir-Razzett L-Aħmar | **COUNCIL** |
| 112 | 14/05/2026 | Id-dawl ta' barra tat-toroq AM Caruana, ES Inglott u Mons Carmelo Aquilina mhux jixgħel | settled | AM Caruana, ES Inglott u Mons Carmelo Aquilina | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 113 | 11/05/2026 | Wire imdendel fi Triq Mons PP Saydon | closed | Triq Mons PP Saydon | **COUNCIL** |
| 114 | 15/05/2026 | Id-dawl ta' barra tat-toroq AM Caruana, ES Inglott u Mons Carmelo Aquilina mhux jixgħel | settled | AM Caruana, ES Inglott u Mons Carmelo Aquilina | **ENEMALTA** |
| 115 | 19/05/2026 | Id-dawl ta' barra ta' nofs Triq Ċ Busuttil 'il fuq mhux jixgħel | settled | Triq Ċensu Busuttil | **ENEMALTA** |
| 116 | 19/05/2026 | Fi Triq Ċensu Bugeja intlaqat wire u hemm 2 bozoz ma' jixgħelux W022/28 u W131/28 | pending | Triq Ċensu Bugeja | **ENEMALTA** |
| 117 | 20/05/2026 | Id-dawl ta' barra ta' nofs Triq C Busuttil, Triq Ġwann Mamo u d-dwal ta' fejn hemm il-ħamrija mhux jixgħel | settled | Triq Ċ Busuttil/Triq Ġwann Mamo | **ENEMALTA** |
| 118 | 20/05/2026 | Hemm siġra ffullat, zkuk u ħaxix ħerġin 'il barra fi Triq ir-Razzett l-Aħmar | settled | Triq ir-Razzett l-Aħmar | **COUNCIL** |
| 119 | 20/05/2026 | Hemm it-tarmak ta' madwar manhole tad-drenaġġ inqala' u qed tagħmel ħafna storbju | settled | Triq Ċ Busuttil | **W.S.C** |
| 120 | 22/05/2026 | Hemm tabella tal-one way tiċċaqlaq fi Triq S Erardi c/w Triq C Bugeja | settled | Triq S Erardi c/w Triq Ċ Bugeja | **COUNCIL** |
| 121 | 22/05/2026 | Talba biex jinqata' l-ħaxix fi Triq Għargħur | pending | Triq Għargħur | **COUNCIL** |
| 122 | 25/05/2026 | Talba biex jinqatgħu l-arbuxelli fi Triq G Abos peress li kiber ix-xogħol | settled | Triq Ġ Abos | **Council** |
| 123 | 22/05/2026 | Talba biex jinqata' l-ħaxix ħiereġ minn ġo residenza fi Triq Dun Karm c/w Triq Ċ Busuttil | settled | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 124 | 22/05/2026 | Hemm covers miksurin fi Triq il-Wied fuq nett u c/w Triq il-Ħwawar | pending | Triq Wied/Ħwawar | **GO** |
| 125 | 29/05/2026 | Hemm covers miksurin fi Triq E S Inglott u c/w Triq P Grech | pending | Triq E S Inglott/P Grech | **GO** |
| 126 | 29/05/2026 | Triq Ġ Bonnici dejqa u qegħdin jgħaddu nġenji u jtiligħu fuq il-bankina u jkissru l-kaptelli | pending | Triq Ġ Bonnici | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 127 | 02/06/2026 | Talba biex jinqata' l-ħaxix ta' Telgħa tal-Għatba għax kiber ħafna | pending | Triq l-Għatba | **COUNCIL** |
| 128 | 05/06/2026 | Talba biex jinqata' l-ħaxix tat-Telgħa tal-Għatba għax kiber il-ħaxix | pending | Triq l-Għatba | **COUNCIL** |
| 129 | 06/06/2026 | Refresh of double yellow line at 8 Triq G M Azzopardi | settled | Triq G M Azzopardi | **COUNCIL** |
| 130 | 06/06/2026 | Refresh of double yellow line at 107 Triq Ċ Busuttil | settled | Triq Ċ Busuttil | **COUNCIL** |

## 26.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

26.5.1 Ma kienx hemm.

## 26.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

26.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

26.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

26.6.3 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Sports Experience għal Presentation Night 2026 organizzata minn Lija/Iklin FYA bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali L-Iklin bħala co-founders ta' Nursery għall-ammont ta' Eur2,537.00 VAT inkluż.
2. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Charlie Mifsud għal xogħlijet ta' grass cutting bil-mutur u skart goff għall-ammont ta' Eur1,740.00 VAT inkluż.

**(Doc. D anness)**

Dawn il-pagamenti ġew approvati waqt is-seduta tal-Kunsill.

## 26.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

26.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

26.7.2 Applikazzjoni PA/03563/26 - 81, Triq il-Klin, Iklin 'Sanctioning of garage as built due to deviations from PB/3798/89

26.7.3 Applikazzjoni PA/03451/26 - Garage No.4, Milan *drive-in, Triq Dun Karm - Sanction of garage from PAPB65/77*

26.7.4 Applikazzjoni PA/03673/26 - 24, Triq il-Muzika, Iklin 'Variations from official alignments to the development constructed under the remit of permit PA561/24. Application also includes proposed internal alterations and inclusion of false ceilings'.

26.7.5 Applikazzjoni PA/03519/26 - 2, Thanks Dad, Triq Anton Manuel Caruana, Iklin 'Demolition of existing terraced house. Proposed 1 basement level garages, 1 Class 4A office with signage, 1 maisonette, 12 apartments and 1 penthouse

26.7.6 Applikazzjoni PA/06575/25 - Triq tal-Balal, - Proposed development comprising of basement parking and Class 5A at ground floor, contiguous with existing area of containment.

26.7.7 Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar - Appell nru: 00340/25 - Ref: PA/02647/25 - MCast, Triq Gdida fi Triq il-Kbira,/ Triq Giuseppe Stivala, Naxxar /, Triq Giorgio Locano, Iklin - Proposed installation of chain link fencing and lighting system for approved football pitch (PA9349/17). Qari tad-deċiżjoni permezz ta' *video conferencing* skedata għal nhar it-Tlieta 16 ta' Ġunju 2026 fis-1.15 p.m.

## 26.8 TWEĠIBA GĦALL-ITTRA TA' DIREZZJONI

26.8.l Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta t-tweġiba għall-Ittra ta' Direzzjoni mill-Udituri tal-Gvern.

26.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-Ittra ta' Direzzjoni u l-Accountant wieġeb fuq kull punt.

26.8.3 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

26.8.4 Il-Kunsill approva *nem con.*

26.8.5 Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku Dott Sciberras iffirmaw l-Ittra ta' Direzzjoni biex tintbagħat kopja oriġinali lill-Uffiċċju tal-Uditur Ġenerali NAO, lill-Udituri tal-Gvern, u lid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

## 26.9 POST MORTEM TAL-ATTIVITÀ KULTURALI FESTA FJURI 2026

26.9.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras irċieva kummenti pożittivi dwar l-attività b'mod ġenerali. Kompla billi qal li l-elementi filgħodu ma kenux favorevoli minħabba r-riħ u x-xita għalkemm imbagħad it-temp irranġa mall-ħin. It-trasformazzjoni ta' Pjazza Ninu Cremona fi ġnien ħalla impatt pożittiv mar-residenti li ġew iżuruh u faħħru dan il-kunċett. Semma kif għas-sena d-dieħla l-Kunsill għandu jkompli jtejjeb u jżid l-attività fi Pjazza Ninu Cremona anke bl-inklużjoni ta' Fun Rides for kids biex nattiraw il-familji bit-tfal.

26.9.2 Il-Kunsillier Mario Fenech kellu kummenti pożittivi dwar l-attività u ssuġġerixxa li s-sena d-dieħla l-Kunsill għandu jkompli jtejjeb il-prodott fejn ikun organizzat street football billi l-Kunsill jikkunsidra jarma *football pitch* biex it-tfal ta' Lija/Iklin FYA biex nassiguraw is-saħħa u s-sigurtà tat-tfal u ż-żona iddedikata għalihom ma tkunx aċċessibbli għat-traffiku.

26.9.3 Il-Kunsillier Matthew Fenech faħħar il-*performance* tal-banda li tat pjaċir lil kull min kien preżenti b'mużika għal gosti ta' kulħadd filwaqt li rrimarka li l-Kunsill għandu jirrikunsidra iż-żona fejn saru t-taħdidiet pubbliċi għaliex fl-opinjoni tiegħu ma tantx qed jattiraw attendenza. Il-Kunsillier qed jipproponi li jsiru workshops biex ikun hemm aktar interazzjoni mall-komunità.

26.9.4 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman irrimarkat li għalkemm kien hemm kelliema tajbin fis-sezzjoni 'Eco Café però taqbel mall-Kunsillier Matthew Fenech li r-rispons ma kienx wieħed sodisfaċenti.

Il-*pre-registration* ma ħadimx lanqas u għaldaqstant ikun tajjeb li jerġa jsir *brain storming* biex naraw kif il-Kunsill jista jtejjeb fuq it-tajjeb li toffri l-Eco Café. Żiedet li l-kelliema mistiedna kienu kollha ppreparati tajjeb u l-udjenza preżenti dehru sodisfatti.

26.9.5 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo irringrazzjat lil numru ta' volontieri 'Nanniet Ikliniżi' għas-sehem tagħhom f'din l-edizzjoni fejn taw kontribut siewi kemm waqt il-preparamenti u wkoll matul il-ġurnata tal-attività biex l-edizzjoni Festa Fjuri 2026 tkun suċċess. Il-Viċi żiedet tgħid li l-istand 'Kitchen Garden' issa sar popolari mall-komunità tal-Iklin u l-istand kien attiv tista tgħid mall-ġurnata kollha tal-attività. Tirringrazzja mill-ġdid lill-voluntieri tal-appoġġ sħiħ li qed jagħtu lill-Kunsill f'din l-attività kulturali.

26.9.6 Wara diskussjoni wiesa dwar x'mar tajjeb u x'seta mar aħjar f'din l-edizzjoni, kien konkluż li l-Kunsill għandu jippjana kmieni għall-edizzjoni li jmiss fejn titħabbar id-data minn kmieni biex il-komunità tal-Iklin iżżomm dan l-appuntament annwali liberu biex tingħaqad bħala komunità sabiex flimkien niċċelebraw Festa Fjuri – l-attività kulturali li tgħaqqad lill-għaqdiet tal-lokal u r-residenti flimkien.

## 26.10 ŻVILUPPI DWAR IL-PROĠETT TA' TRIQ KARMENU VASSALLO

26.10.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li x-xogħol fuq is-servizzi miexi b'ritmu tajjeb u l-komunikazzjoni bejn il-Perit assenjat mill-proġett u l-Kunsill hija waħda tajba. Sintendi l-inkonvenjenzi ma jonqsux għar-residenti u ġew irrapurtati xi ħsarat lil terzi proprjetà li jridu jiġu ndirizzati mill-kuntrattur. Matul dan l-aħħar jiem, kien irrapurtat li tħalla l-infrastruttura tad-drenaġġ miftuħ bil-konsegwenzi li jġib miegħu diffikultajiet oħra.

Il-Kunsill qed jgħaddi l-ilmenti li jirċievi mingħand ir-residenti lill-Perit tal-Aġenzija IM biex dawn jiġu riżolti fl-iqsar żmien possibbli. Tlabna biex isir il-ħasil tat-triq b'mod regolari biex naqtgħu mit-trabijiet biex jonqos l-inkonvenjent. Is-Sindku qal li kien talab laqgħa *on-site* mall-Perit u l-kuntrattur biex naraw il-progress tax-xogħlijiet filwaqt li naċċertaw li l-ħsarat ikkawżati bix-xogħlijiet lil terzi proprjetà jiġu ndirizzati mingħajr dewmien. Is-Sindku se jżomm lill-Kunsillieri aġġornati b'kull żvilupp dwar dan il-proġett.

26.10.2 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman staqsiet jekk il-Kunsill talabx lill-Aġenzija IM biex tikkunsidra tibni infrastruttura ġdida billi jsir *rain water gutter* taħt il-kurduna peress li t-triq taqleb.

Ladarba qed isir dan il-proġett ġdid, issa huwa l-waqt li ssir l-infrastruttura li hemm bżonn biex tissolva d-diffikultà tal-ilmijiet li taffettwa lil numru ta' residenti li jirrisiedu fl-imsemmija triq.

26.10.3 Is-Sindku wieġeb li din il-proposta kienet ġiet diskussa fl-ewwel *site meeting* li sar mall-Perit tal-Aġenzija IM però sallum m'hemmx pożizzjoni min-naħa ta' IM.

Is-Segretarju Eżekuttiv se jerġa jitkellem mall-Perit dwar din il-proposta u jirrelata lura fis-seduta li jmiss tal-Kunsill.

## 26.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

26.11.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju 2026 fil-5.30 pm.

26.11.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju 2026 fil-5.30 pm.

26.11.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.05 p.m.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv